MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 306/2011

**Charles Grech**

**V s**

**Angelo Bugeja u Andrew Bugeja**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tas-7 ta’ Settembru, 2011 fejn permezz ta’ liema l-Qorti kienet qed tintalab tirrevoka l-Mandat ta’ Qbid bin-numru 3843/10 fl-ismijiet Charles Grech vs Angelo Bugeja u Andrew Bugeja u dana a tenur tal-Artikoli 836(1)(b), 836(1)(a), 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll talba sabiex il-Qorti timponi penali xierqa fuq l-intimat favur taghhom a tenur ta’ l-artikolu 836(8)(a),(b) u (d) ta’l-istess Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors u mmarkati bhala Dokument A a fol 6 u Dokument B a fol 7 sa 18 ta'l-istess process;

Rat illi l-intimat gie notifikat fit-12 t'Ottubru, 2010 izda naqas milli jipprezenta risposta entro t-terminu prefiss u ma deherx ghas-seduti ffissati mill-Qorti;

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2011 ir-rikorrenti prezenti infurmaw lill-Qorti li gja kien hemm proceduri identici quddiem Qrati differenti, proceduri bin-numri 304/2011 kif ukoll 305/2011 decizi rispettivament fl-24 t'Ottubru, 2011 u fil-21 ta' Novembru, 2011 u ghalhekk talbu illi jinghataw l-opportunita li jipprezentaw kopji ta' tali decizjonijiet ghall-interita tal-process gudizzjarju wara l-prezentata ta' liema dokumentazzjoni l-kawza setghet tithalla ghas-sentenza;

Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza fl-14 ta' Dicembru, 2011;

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi jirrizulta mit-talbiet rikorrenti li l-erba' istanzi illi l-istess rikorrenti qeghdin iqajmu sabiex il-mandat jigi revokat, huma s-segwenti:

1. Il-Mandat m'ghadux fis-sehh
2. Wahda mill-htigijiet tal-Ligi ghall-hrug tal-Mandat m'ghadhiex fil-fatt tezisti
3. L-ammont kif mitlub mhuwiex prima facie gustifikat u eccessiv
4. Fic-cirkostanzi mhuwiex ragjonevoli u gustifikabbli li l-mandat jinzamm fis-sehh fil-konfront taghhom.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi l-intimat ghalkemm notifikat bil-proceduri odjerni naqas milli jipprezenta risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti u lanqas deher ghas-seduti ffissati mill-Qorti. Madanakollu kif Qorti ohra fuq il-kwistjoni odjerna wkoll sahqet, hija dover ta' din il-Qorti anke meta m'hemmx risposta illi tiddetermina jekk attwalment it-talbiet rikorrenti humiex gusitifkati jew le.

Illi mill-provi prodotti quddiem il-Qorti fl-avviz numru 305/2011 liema atti gew allegati mal-proceduri odjerni u tqiesu bhala parti mill-atti tal-process odjern, kienu xehdu kemm Angelo Bugeja kif ukoll Andrew Bugeja u rrizulta minn tali xhieda li ebda proceduri la civili u la quddiem arbitragg ghall-kanonizzazzjoni tal-pretenzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent qatt inbdew. Tali fatt, in vista tal-fatt li l-intimat qatt ma ndenja ruhu jidher il-Qorti u jikkontesta t-talbiet rikorrenti qatt ma gie kkontestat jew kontradett.

Ir-rikorrent jikkontendi illi l-fatt li flimkien mal-mandat ta' qbid a tenur ta'l-artikolu 848 ma sarx ukoll l-azzjoni immedjata bl-azzjoni biex il-pretensjoni tigi deciza allura dan iwassal biex il-mandat ta' qbid ma jissodisfax iz-zewg kriterji stabbiliti fl-artikolu 848.

Il-Qorti madanakollu kif gja qalet sew il-Qorti fl-Avviz Numru 305/2011, tikkontendi illi l-fatt li l-intimat ma istitwies procedimenti ta' arbitragg jew procediment quddiem il-Qorti kontra r-rikorrenti flimkien mar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru, mhijiex raguni sufficjenti biex il-mandat jitqies illi jista' jigi revokat.

Madanakollu jirrizulta illi entro t-terminu stabbilit fil-ligi ossia t-terminu ta' ghoxrin (20) gurnata kif indikat fit-tieni lment tal-istess rikorrent, l-intimati naqsu milli jipprezentaw procedimenti kontra l-istess rikorrenti jew permezz ta' arbitragg jew permezz ta' kawza fil-Qorti.

Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel taghha l-konkluzjonijiet u r-ragunar maghmula mill-Qorti fir-rikors numru 305/2011 u dan fis-sens illi l-fatt li l-intimat ma istitwiex procedimenti ta' arbitragg fil-konfront tar-rikorrenti jaghti lok ghar-raguni ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

Fid-dawl allura ta' dak osservat, il-Qorti mhijiex ser tidhol fil-kwistjoni jekk il-mandat ta sekwestru ghandux jigi revokat ai termini tal-artikolu 836(1)(d) u 836(1)(a) peress illi rrizulta car illi tali mandat jigi revokat a tenur tal-artikolu 836(1)(a).

Dwar il-kwistjoni tal-penali mitluba mill-istess rikorrenti a tenur tal-artikoli 836(8)(a), 836(8)(b) u 836(8)(d) il-Qorti ma tistax ma tinnutax li dak indikat fl-artikoli 836(8)(a) japplika fil-kaz odjern peress illi gie ppruvat u mhux kontradett illi l-intimat minghajr ebda raguni ma istitwixxa ebda procedimenti ta' arbitragg fi zmien moghti mill-Ligi.

Il-Qorti tqis illi l-hrug ta' mandat ta' sekwestru minghajr ma gew eventwalment istitwiti procedimenti gudizzjarji fil-konfront tar-rikorrenti huwa azzjoni punibbli minn din il-Qorti peress illi huwa abbuz ta' ghodda moghtija lill-intimat sabiex jipprotegi l-interessi tieghu. Il-fatt li l-intimat naqas milli jmexxi fuq il-pretensjonijiet tieghu kontra r-rikorrenti u ghazel biss li jaghmel mandat juri li l-hsieb wara tali hrug ta' mandat ma kienx dak mahsub fil-Ligi ossia dak li huma jipprotegu d-drittijiet taghhom jew dak li ghandhom jiehdu izda kien intenzjonat unikament sabiex iwegga' u jaghmel hsara lir-rikorrenti.
Il-Qorti certament ma tistax taccetta tali azzjonijiet u ghalhekk ghandha tiehu l-passi kollha mehtiega sabiex dana ma jsirx fosthom illi tordna l-penalitajiet ikkontemplati fl-artikolu 836(8)(a) tal-Kap. 12.

Ghal din ir-raguni a tenur tal-artikolu 836(8)(a) tal-Kap. 12 l-intimat huma ordnati jhallsu penali lill-kull wiehed mir-rikorrenti, liema penali qed tigi ffisata fis-somma ta' elf ewro (€1,000) ghal kull wiehed minnhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi r-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fis-7 ta' Settembru, 2011 billi tilqa' t-talbiet taghhom a tenur tal-artikolu 836(1)(d) u tirrevoka l-Mandat ta' Qbid bin-numru 3843/10 fl-ismijiet Charles Grech vs Angelo Bugeja u Andrew Bugeja, mahrug kontra r-rikorrenti fl-10 ta' Novembru, 2010 u tordna l-hrug tal-kontro-mandat relattiv. A tenur tal-artikolu 836(8)(a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-intimat ihallas lil kull wiehed mir-rikorrenti s-somma ta' elf ewro (€1,000) bhala penali. L-ispejjes ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta'l-intimat Charles Grech.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------